# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum id-29 ta' Settembru 2020**

Appell numru 50 tal-2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Jean Pierre FRENDO**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-28 ta' Frar 2020 fil-konfront ta' Jean Pierre FRENDO detentur tal-karta tal-identità bin-numru 562886M fejn ġie mixli:

   Talli nhar l-1 t'April 2019 u fil-granet u x-xhur ta' qabel gewwa Triq Walter L. Salomone Mosta :

   (1) Insulenta jew hedded l-siehba, l-konjugi, il-koabitanti jew lil mara Donna Frendo Edris jekk kien provokat, injurja b'mod li hareg mill-limitu tal-provokazzjoni (Kap 9. Artikolu 339(1)(e));

(2) Ikkaguna griehi li jitqiesu li huma hfief, izda li l-effett ikkunsidrat sew ghal dak li hu l-gisem, ta' Donna Frendo Edris hekk kif iccertifikat minn Dr. Louise Gatt Med Reg: 2189 kemm moralment, ikun ta' importanza zghira (Kap 9. Artikolu 221 (3));

(3) B'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikolu ta' qabel ta' dan is-sub titolu, voluntarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq affarijiet ta' Donna Frendo Edris (Kap 9 Art 325(1));

(4) Ikkaguna biza li ser tuza vjolenza kontra s-siehba, il-konjugi, il-koabitant jew il-mara Donna Frendo Edris jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti ta' l-imsemmija persuna, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) (Kap 9. Artikolu 251B(1));

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, rat il-Liġi senjatament Artikoli 7, 221(3), 222(1), 251B(1), 325(1) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rat l-atti u d-dokumenti kollha, u rat li l-imputat irregistra ammissjoni fis-seduta tat-18 t'Ottubru 2019, stqarret illi :

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati ghall-**akkuzi kollha** miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mall-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati tal-**akkuzi kollha** migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-iktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-**akkuzi kollha** migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-**akkuzi kollha** migjuba fil-konfront teighu kif minnu ammessi.

3. Għal dawn il-motivi l-Qorti sabet lil imputat ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, u kkundannatu għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva. In oltre ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti rabtet lil ħati b'Ordni ta' Protezzjoni għal żmien erba' (4) snin millum, għall-protezzjoni ta' Donna Frendo Idris u l-familjari tagħha.

4. Illi minn din is-sentenza Jean Pierre FRENDO interpona appell permezz ta' rikors datat 9 ta' Marzu 2020 fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi kkonfermata fil-parti tar-reita', u tiġi riformata fil-parti tal-piena billi minflok il-piena nflitta tiġi imposta piena jew sanzjoni oħra li tkun iktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li saħaq is-segwenti: -

> Illi l-aggravju li hu limitatament dwar il-piena huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti :
>
> 1. Illi kif ser jigi sottomess waqt it-trattazzjoni ta' dan l-umli appell, l-esponent umilment jemmen illi fil-kaz odjern jezistu fatturi li jimmilitaw favur temperament fil-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Fost affarijiet ohra, l-esponent jixtieq jippuntwalizza bir-rispett illi :
>
> a) l-imputat ikkollabora bis-shih fl-investigazzjoni tal-pulizija;
>
> b) l-ammissjoni bikrija tal-imputat;
>
> c) Illi l-partijiet ilhom ma jdejqu lil xulxin proprju sa minn dakinhar tal-incident;
>
> d) Illi minhabba din il-piena karcerarja l-esponenti se jispicca minghajr ebda dhul finanzjarju;
>
> e) Illi b'hekk uliedu li jiddependu finanzjarjament fuqu se jigu affettwati b'mod negattiv;
>
> f) Illi l-esponenti ghadu jbati minn diversi kundizzjonijiet medici;

g) Illi l-esponenti llum il-gurnata jghix hajja ordinata;

Bl-akbar rispett, dawn u fatturi ohra, ghandhom jattiraw tnaqqis fil-piena nflitta.

***Ikkunsidrat:***

5. Illi jirriżulta illi nhar il-1 ta' April 2019 għall-ħabta tas-6:30am il-parte ċivile f'dan il-każ, Donna Frendo Edris, irrapurtat fl-għassa tal-Mosta illi f'dawk l-aħħar jumejn, hi kienet qed tiġi msawwta minn żewġha l-appellant, liema inċident ma kienx l-ewwel wieħed ta' din ix-xorta. Dil-kopja kellhom xi jgħidu minħabba xi *chats* tal-Facebook li l-appellant allegatament kellu ma diversi nisa. Wara dan l-argument, ċjoe meta Donna kienet rieqda fuq is-sufan, l-appellant aggradiha u beda jinsultentaha u jgħajjaraha kif ukoll fis-saħna tal-argument kissrilha l-*mobile* tagħha. Hi ħarbet tiġri u ssakkret fil-kamra tas-sodda tagħhom fejn l-appellant ipprova jisgassa dan il-bieb u baqa' jheddidha.

6. Sussegwentement kellhom argument ieħor fejn l-appellant allegatament qabad jgħajjarha u jheddidha. Allegatament anki għamel tentattiv li jifgaha u sawwatha. Il-parte ċivile ġiet mitluba tirrikorri fil-klinika tas-Saħħa tal-Mosta fejn ġiet iċċertifikata li qed tbati minn ġrieħi ħfief, ċjoe minn dbenġila ġewwa ħalqa, grif fuq għajnejha u fuq idejha, u uġiegħ fil-minkeb tax-xellug, f'dahra fuq in-naħa t'isfel u wara għonqha.

***Ikkunsidrat: -***

7. Illi dan l-appell huwa limitat għall-piena fejn l-appellant ipprovda elenku ta' raġunijiet għalfejn hu għandu jibbenefika minn riduzzjoni fil-kwantum u varjazzjoni fil-kwalita' tal-piena mposta fuqu.

8. Illi dan huwa appell iffukat fuq il-*quantum* tal-piena li ġiet erogata fil-konfront tal-appellant wara li kienet reġistrata ammissjoni inkondizzjonata għall-imputazzjonijiet kollha kontestati lill-appellant. F'appelli ta' dan il-ġeneru, il-ġurisprudenza Maltija hija ċara kristall. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid*** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, intqal is-segwenti : -

> Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

9. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;

(b) Preventiv; u

(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

10. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.

11. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.

12. L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma

jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.

13. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

14. F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Iżda aktar minn hekk il-ħati għandu jkollu dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod

li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

15. Huwa għalhekk li f'dawn il-proċeduri t'appell mill-piena, dil-Qorti, in kwantu Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal dik il-piena billi tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kienetx taqa' fil-parametri imsemmija fil-Liġi, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.

16. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences

which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

17. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell ***Kandemir*** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb***, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox

għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et*** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita`

perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

18. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza ***Butler*** tqis *anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.*

19. Issa f'dan il-każ mit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti jirriżulta li l-parte ċivile mhix qed tinsisti fuq piena karċerarja u effettiva dment li l-appellant iħalliha bi kwietha, apparti li llum il-ġurnata m'għadx għandhom kwistjonijiet bejniethom. Hija stqarret li l-appellant kellu jibda' jħallas il-manteniment dovut. Deher ċar li l-aktar importanti għaliha u familtha kien li l-appellant jikkontribwixxi finanzjarjament għall-ħtiġijiethom. Naturalment din il-Qorti mhix marbuta b'dak li tixtieq il-parte ċivile in kwantu huwa obbligu ta' din il-Qorti li tara x'piena tkun xierqa għal kull każ partikolari. Biss dawn il-Qrati għandhom ukoll jisimgħu xi tkun il-posizzjoni tal-parte ċivile in kwantu din il-parti tkun direttament u personalment involuta fil-kwistjoni mal-appellant; u bħala konsegwenza naturali tas-sentenza li tkun sejra tiġi inflitta, l-parte civile tista wkoll tkun

affettwata bis-sentenza. U skont x'piena tiġi inflitta f'dik is-sentenza, il-parte civile tista' tiġi affettwata tajjeb, daqskemm tista' tiġi affettwata ħażin, kemm fuq livell personali, kif ukoll fuq livell partrimonjali.

20. Illi għal dak li jirrigwarda l-kwantum tal-piena ta' sitt xhur priġunerija jingħad li:

(a) l-ksur tal-artikolu 221(3) tal-Kodiċi Kriminali jġib miegħu il-piena li ma teċċedix it-tliet xhur priġunerija u dan peress li huwa każ li jaqa' taħt il-paragrafu (a) tiegħu.

(b) il-ksur tal-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali fiż-żmien meta seħħ id-delitt kien jimporta piena ta' bejn tliet xhur u sitt xhur priġunerija jew alternattivament tista tiġi mposta multa jew il-piena karċerarja u l-multa flimkien.

(c) In oltre għal dak li jirrigwarda r-reat tal-ħsara volontarja skond l-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali, ma jidhirx illi tressqet il-prova tal-kwantum tal-valur tal-oġġett imħassar jew tad-ditta tat-telefon ċellulari tal-parte ċivile fejn konsegwentement sabiex il-Qorti tasal għall-parametri ta' din il-piena għandha tapplika l-esperjenza tal-ħajja tagħha fejn b'hekk din il-Qorti ser tqis, a benefiċċju tad-dubbju tal-appellant ukoll, l-inqas parametru applikabbli u raġġjonat fid-dawl tal-ħsara magħmula taħt id-dettami tal-paragrafu (ċ) tal-istess disposizzjoni fejn anki hawnhekk l-inqas piena applikabbli hija ta' priġunerija li ma taqbisx is-sitt xhur.

(d) Finalment għal dak li jirrigwarda r-reat taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, din hija ta' natura kontravenzjonali fejn l-Qorti ma tistax timponi piena ta' aktar minn xahrejn detenzjoni jew ammenda.

21. Kwindi bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kapitolu 9, jirriżulta li l-piena ta' sitt xhur priġunerija tinsab fil-parametri tal-piena imponibbli.

22. Meta din il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet li nstemgħu quddiemha; fid-dawl tal-fatt li ingħad ukoll li llum il-ġurnata s-sitwazzjoni bejn il-partijiet ippaċifikat ruħha; illi l-parte civile għandha tibda titħallas manteniment mingħand l-appellant; u li jinteressaha biss illi l-appellant iħalliha bi kwietha aktar milli li jiġi nkarċerat; illi mit-trattazzjonijiet magħmula kif ukoll mill-provi prodotti, ma jittiżultax li l-aġir tal-appellant irrepeta ruħu fil-konfront tal-parte civile, din il-Qorti jidhrilha li għandha tagħti kont għax-xewqa tal-parte civile li l-appellant, filwaqt li jingħata sentenza fl-istess waqt jingħata wkoll il-possibilita li huwa jkompli jaħdem u jwettaq l-obbligi tiegħu li jħallas il-manteniment, filwaqt li jiġi marbut b'ordni ta' protezzjoni.

## *Decide:*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tilqa' l-appell tal-appellant Jean Pierre FRENDO billi filwaqt illi :

(a) tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabitu ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u li għalihom huwa ammetta inkondizzjonatament;

(b) u filwaqt li tikkonferma l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa kontra l-appellant u favur Donna Frendo Idris għal perijodu t'erba' snin skond il-kundizzjonijiet hemm elenkati; mill-banda l-oħra

(c) tvarja l-imsemmija sentenza f'dik il-parti fejn erogat il-piena ta' sitt xhur priġunerija effettivi, billi

(d) filwaqt li tikkonferma l-kundanna tal-appellant għal sitt xhur priġunerija tordna li din is-sentenza m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' **erba' snin mill-lum** l-imputat jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

(e) Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tiegħu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***